TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 148/17-F

**Mario Tufigno**

**vs**

**John Farrugia eżerċenti l-kummerċ bħala JF Upholstery**

Illum 6 ta' Frar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350), rappreżentanti boat cover li wara ftit li ġie nstallat beda jitqatta'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ingaġġa lill-intimat sabiex jagħmillu boat cover u r-rikorrenti għażel boat cover irħis u fil-fatt ħallas l-ammont ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), għax l-ieħor kien jiswa elf u tliet mitt ewro (€1,300), li wieħed jinnota d-differenza fil-prezz. Ir-rikorrenti nnota li ftit wara li ġie nstallat beda jitqaċċat u ma baqax tajjeb għall-użu.

L-intimat issottometta illi kien ir-rikorrenti li għażel il-boat cover irħis u li ma kellu ebda garanzija fuqu, u li hu kien diġa' uża minnu fuq diversi dgħajjes oħrajn u li damu għal diversi snin, u li ma huwiex responsabbli.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li huwa l-intimat li jifhem fuq dan it-tip ta' xogħol, u l-intimat irid jagħti l-pariri x'għandu juża u x'ma għandux juża r-rikorrenti, minkejja li r-rikorrenti ma riedx iħallas ħafna flus. It-Tribunal, jinnota pero' wkoll illi r-rikorrenti ħa dak li ħallas għalih.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, b'ekwita' qed jiddeċiedi li jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€175), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**